MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 36/2010

**Il-Pulizija
(Spt. Malcolm Bondin)
Vs
Omissis
Alan Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

a) fil-15 ta’ Mejju 2008 għall-ħabta tad-9am fi Triq il-Vitorja Qormi sabiex jiksbu xi vantaġġi jew benefiċċji għalihom infushom jew għal ħaddieħor, f’xi dokument maħsub għal xi awtorita’ pubblika, xejentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tagħrif falz billi waħħlu sett ta’ pjanċi tar-eġistrazzjoni foloz bin-numru JOS 220 fuq vettura tal-għamla Mercedes ML 270 ta’ lewn griż (numru ta-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf)

b) fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi document falz billi waħħlu n-numru JOS 220 fuq vettura tal-għamla Mercedes ML 270 ta' lewn griż (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf)

**Lil Alan Muscat waħdu**

(ċ) Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, saq vettura tal-għamla Mercedes LM 270 (numru tar-reġistrazzjoni oriġinali mhux magħruf) b'numri tar-reġistrazzjoni JOS 220 li jappartjenuj għal vettura oħra li ma kellhiex liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku u b'hekk ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni għar-riskji ta' terzi persuni.

**Lil Omissis u Alan Muscat**

(d) Talli rrendew ruħhom reċidivi aitemrini tal-aritkoli 49 u 50 tal-Kap 9 b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 188, 189, 49 u 50 tal-Kap 9, l-artikoli 15(1)(a), 15(2) tal-Kap 65 u 3(1)(2) u 3(2A) tal-Kap 104 sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni (jew dik dedotta kontrih waħdu) u lliberatu mill-ewwel, mit-tieni u mir-raba' imputazzjoni (l-addebitu tar-reċidiva) u kkundannatu jħallas multa ta' €2574 liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitejn Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġuernija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux. Il-Qorti skwalifikat lil Alan Muscat milli jkollu liċenzja tas-sewqan għal żmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-8 ta' Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhux hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u tal-addebitu tar-recediva, thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi bil-konsegwenza li ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi.

Li kien l-appellant li saq il-vettura Mercedes ML 270 ta' lewn griz minn imkien ma jirrizulta li din il-vettura ma hijiex licenzjata w wisq inqas li m'hijiex koperta b'polza ta' assikurazzjoni.

2. Illi kif stqarr l-ufficjal prosekutur galadarba din il-vettura nstaqet minn fuq il- post wara li kienu nqalghu l-pjanci allura qatt ma seta' jigi verifikat din il- vettura propja liema hi x'inhi.

3. Issa apparti l-asserzzjoni tal-Ispettur Bondin li l-vettura hija registrata l-Ingilterra hija asserzzjoni gratwita, daqs kemm tkun gratwita l-asserzzjoni li din il-vettura hija registrata l-Ghana w giet manufatturata f'Timbaktu, daqstant iehor hija gratwita l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti li din il-vettura ma kienitx licenzjata w konsegwentement mhux koperta b'polza ta' assikurazzjoni.

4. Illi jidher li l-Ewwel Qorti giet sgwidata biex tasserixxi bhala fatt dak li kien biss kongettura mid-deposizzjoni tal-Ispettur Bondin. Tabilhaqq lanqas l-PS 1113 ma wasal ghal din il-konkluzzjoni minkejja li ra l-vettura huwa stess.

5. Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni ma gabet ebda prova in sostenn tal-akkuza li din il-vettura ma kienitx

licenzjata w li konsegwentement ma kienitx koperta b'polza ta' sigurta'.

6. Illi in effetti d-deposizzjoni tax-xhud Stephen Cachia li xehed qua rapprezentant tal-ADT tirrigwarda ricerka li huwa gie mitlub jaghmel fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JOS-220. B'hekk l-Ewwel Qorti kienet priva minn kull tip ta' prova dwar l-licenzjar o meno ta' din il-vettura.

Illi huwa f'dana r-rigward u f'dana l-isfond li qed jigi umilment sottomess li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi ghaliex huwa evidenti li ma kienet tezisti ebda prova la jekk din il-vettura kienitx licenzjata o meno u konsegwentement lanqas ma kienet tezisti ebda prova dwar jekk kienx hemm polza ta' assikurazzjoni w dana proprju minhabba l-fatt li ebda taghrif li jista' jwassal sabiex dan il-fatt jigi kkontestat ma kien jezisti fil-process.

Illi dana wassal sabiex l-Ewwel Qorti, ghamlet ghalhekk applikazzjoni zbaljata tal-ligi ukoll. Dana qieghed jinghad ghaliex, filwaqt li huwa veru li l-artikolu 3(1A) johloq inverzjoni fil-prova, jehtieg fl-ewwel lok jigi ppruvat fuq liema vettura wiehed qieghed jitkellem. Jehtieg li ssir il-prova wkoll li din il-vettura li dwarha qed jigi allegat li sehh ir-reat tabilhaqq ma kienitx licenzjata jew registrata biex, imbaghad, stabbilit dan tiskatta l-inverzjoni kontemplata fl-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104.

Illi jigi sottomess li huwa kjarament inkoncepibbli li r-reita tigi stabbilita bil-mod kif qed tipprospetta l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz, ossija li ma nafux fuq liema vettura qed nitkellmu u niddeducu li hija mill-Ingilterra w li allura mhijiex licenzjata.

Ikkunsidrat:

Illi dan l-appell huwa mibni fuq l-argument illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-Ligi u tal-fatti peress illi kienet priva minn kull tip ta' prova f'dina l-kawza u ghalhekk ma setghetx tasal ghall-htija ta' l-appellant Alan Muscat.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-15 ta' Mejju, 2008 ghall-habta ta' l-10:00 ta' filghodu waqt illi kienet qed issir spezzjoni fi Triq il-Vitorja Hal Qormi, gie nnutat van Mercedes tat-tip ML270 ta' lewn griz illi kellu l-pjanci tar-registrazzjoni JOS 220 fuqu. Dawn il-pjanci ma kienux ta' dan il-van izda kienu ta' vettura ohra ta' l-ghamla Mercedes mudell 220 ta' lewn abjad. Intalab tow truck sabiex jigi fuq il-post u jiehu l-van. Originarjament kien hemm zewg imputati nvoluti f'dan il-kaz, Adrian Muscat u Alan Muscat u dawn it-tnejn qalu lil EO 16 George Schembri li l-vettura kienet taghhom u lis-surgent li kienu ser idahhlu l-vettura fil-garaxx. Sakemm is-surgent kien qieghed jirrispondi telefonata l-imputati marru u qalghu l-pjanci minn fuq l-istess vettura. Bl-iskuza biex igib xi affarijiet mill-van, Alan Muscat rikeb l-istess vettura u mar minn fuq il-post. Is-sugent ordnalu jieqaf izda Alan Muscat telaq 'l hemm. Saru t-tfittxijiet ghall-van izda dan baqa' ma nstabx. Bhala parti mil-provi gie esebit ritratt ta' Alan Muscat qed jaqla' l-pjanci tal-vettura.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ghamelt apprezzament tal-provi illi gew prodotti f'din il-kawza u rat ukoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Jannar, 2010 fejn hadet nota tal-provi kollha illi gew esebiti, ghamlet l-evolutazzjoni taghha dwar din il-provi u waslet ghall-konkluzjoni taghha. Din il-Qorti wkoll ghamelt l-evalutazzjoni taghha u ssib illi taqbel ma l-argumenti ta' l-ewwel Qorti u mhux il-kaz illi dawn illi dawn jigu disturbati.

Dana japplika wkoll ghall-konsiderazzjonijiet legali li l-ewwel Qorti ddiskutiet fil-fond u fil-fatt ma regghux gew imqajma fl-istadju tat-trazzjoni waqt dan l-appell. Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell illi ma tiddistubarx l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti ta' l-

Appell Kriminali ma tirrinpjazzjax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezeercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha (Il-Pulizija kontra Carmelo Schembri, Appell 28 ta' April, 1995). Bhal ma ga nghad din il-Qorti ghamelt dan l-apprezzament u waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzjoni taghha ghalhekk mhux il-kaz li s-Sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------